# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta'  Marzu,2001**

**Numru 6**

**Avviz.  numru 1987/97mm**

**Richard Darmanin**

**vs**

**Carmel Formosa, u martu Josephine Formosa**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fil-15 ta' Settembru 1997 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm349.03 (tlett mija u disa u erbghin lira maltija u tlett centezmi), liema ammont jinkludi l-VAT skond il-ligi, rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' tiswija fuq il-vettura numru tar-registrazzjoni KIP 071, li sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti, skond kif dettaljatament spjegat fil-kont datat 27 ta' Jannar 1997.

Bl-interessi u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' Awissu 1997, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Preliminarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Aritkolu 2148(a) tal-Kodici Civili;

2. Fit-tieni lok u fil-meritu, izda bla pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hi nsostenibbli fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti halliet din il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Dan it-terminu jippreskrivi l-azzjoni ta' l-attur bl-eghluq ta' tmintax-il xahar. Skond rendikont dettaljat dokument RD 1 a fol 21 tal-process.

L-attur ghamel diversi xogholijiet fuq vettura tal-konvenut liema xogholijiet kienu fuq medda ta' sentejn bejn il-31 ta' Dicembru 1994 u t-12 ta' Marzu 1996. Skond l-istess attur meta huwa sar

jaf minghand il-lavrant tal-konvenut li dan ta' l-ahhar ma kienx sejjer ihallsu, dana pprepara l-kont u baghtu lill-konvenut, quindi ai fini ta' preskrizzjoni l-aktar data mportanti hija dik tat-12 ta' Marzu,1996. Peress illi minn dik id-data sal-prezentata ta' dan l-avviz ma jidhirx illi saret xi ittra ufficjali, dan l-avviz ghandu jitqies bhala l-ewwel att gudizzjarju ai fini ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni. Kif gia nghad, l-artikolu nvokat favur il-konvenut jippreskrivi terminu ta' tmintax-il xhar. Bejn it-12 ta' Marzu 1996 u l-15 ta' Settembru 1997 dawn it-tmintax-il xahar lahqu skadew bi tlett ijiem. L-attur pero' qieghed jinvoka favur tieghu l-gurament illi gie moghti lill-konvenut fejn dana qal illi huwa ma ghandhux jaghti dawn il-flus lill-attur peress illi x-xogholijiet illi huwa esegwixxa saru hazin. Fil-fatt mistoqsi jekk il-konvenut kellux jaghti flus lill-attur inkonnessjoni ma' dawn ix-xogholijiet il-konvenut irrisponda u qal li x-xoghol sar hazin u ghalhekk ma kellux itih flus.

Il-kwistjoni li qamet f'din il-kawza hija jekk dina tikkwalifikax bhala rikonoxximent tad-debitu jew le. F'sentenza moghtija dan l-ahhar fil-31 ta' Jannar 1995 fl-ismijiet <u>Henry Micallef u Joseph Stellini noe vs Michael Zarb noe</u> l-Qorti ta' l-Appell kienet qalet illi l-perjodu preskrittiv jista jkun interrot meta d-debitur jirrikonoxxi d-dejn favur il-kreditur, anke meta dan id-dejn ma jkunx ghadu likwidat. Tali ammissjoni tikkostitwixxi rinunzja ghal fini tal-preskrizzjoni. F'dan il-kaz pero', dan id-dejn huwa likwidat peress illi l-attur ghamel il-kont tieghu u baghtu lill-konvenuti. Ir-risposta tal-konvenut pero' kif maghmula a fol 14 tal-process ma tantx tidher illi hija rikonoxximent tad-debitu kif trid il-ligi.

F’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fit-2 ta’ Gunju 2000 fl-ismijiet Silvio u Catherine Frendo vs Andrew Faenza il-Qorti qalet illi r-rikonoxximent tad-debitu ghall-finijiet ta’ preskrizzjoni kellu jkun car u nekwivoku. Persuna ma kellhiex titqies illi accettat responsabbilta’ semplicement ghax qalet li trid tinnegozja arrangament. F’dan il-kaz mhemmx daqshekk. Il-konvenut qatt ma qal illi ried jasal almenu f’arrangament mal-attur imma qal li ma ghandu jtih xejn ghax ix-xoghol sar hazin. Fil-fatt fil-kawza Carmelo Micallef vs Brigadier Belle McChanse (Vol XXXV part 1 pg 101) il-Qorti qalet “ir-rinunzja ghal preskrizzjoni ghandha tigi pruvata b’mod car u konkludenti; u ma tistax tigi ammessa meta hija bazata fuq atti u fatti li ma humiex univoci u jistghu jaghtu lok ghal interpretazzjonijiet diversi”. Ma hemmx dubbju illi r-risposta tal-konvenut ghal gurament illi gie moghti lilu jista jaghtu lok ghal interpretazzjonijiet diversi. Dana mhuwiex ighid car u tond illi ma huwiex debitur imma qieghed jikkwalifika r-risposta tieghu bil-fatt illi ma ghandux jaghti flus peress illi x-xoghol sar hazin. Dana zgur illi ma jistax jinghad illi huwa xi rikonoxximent ta’ debitu favur l-attur u ma hemm xejn car u inekwivoku fir-risposta tieghu, ghalhekk din ir-risposta kif maghmula a fol 14 tal-process ma jistax jinghad illi huwa rikonoxximent tad-dejn favur l-attur.

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi illi ladarba t-terminu preskrittiv kif invokat mill-konvenuti fl-ewwel eccezzjoni taghhom ghadda inutilment u issa l-attur ma jistax jirreklama aktar l-ammont mitlub fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari imqajjma mill-konvenuti, tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili u konsegwentement tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit

Dep Reg